# 1869-1944

B'Tifkira tal-75 Sena mit-twaqqif tal-Kazin "SAN PAWL" u l-Banda "KONTI RUGGIERU" tar-Rabat.

"LUX PRESS"

B'QIMA LIL DAWK L-IMSEHBIN

LI HAMSA U SEBGHIN SENA ILU

WAQQFU FIR-RABAT

IS-SOĊJETA' SAN PAWL

U

IL-BANDA KONTI RUĠĠIERU

# APPELL

Soċi u Bandisti,

Is-sena li aħna fiha tfakkarna f'75 sena ilu meta twaqqfet is-Soċjetà tagħna "San Pawl" flimkien mal-Banda "Konti Ruġġieru".

Aħna dehrilna li ma għandniex inħallu tgħaddi din is-sena bla ma niftakkru kif jixraq dik id-data li fiha kellu bidu dak li sal-lum għożżejna sħiħ ġewwa qalbna u quddiem moħħna. U biex nikkommemoraw kif jixraq ċirkustanza hekk kbira għalina, qtajna li t-tifkira tal-75 anniversarju ssir nhar il-Għid il-Ħamsin, it-28 ta' Mejju, 1944.

Nixtiequ u nittamaw illi l-kommemorazzjoni li sa nagħmlu tikseb żewġ skopijiet: l-ewwel wieħed, u l-aqwa, hu dak li Soċi u Bandisti flimkien jiltaqgħu fil-knisja ewlenija tal-Parroċċa tagħna, biex ikoll flimkien niżżuħajr 'l Alla u lill-Qaddisin protetturi tagħna tal-grazzji li qlajna matul dawn il-75 sena. It-tieni skop hu biex ninġabru f'dan il-jum bħal aħwa u flimkien nifirħu u niftakru f'dak kollu li għaddew minnu l-imseħbin tagħna f'din il-medda ta' żmien.

Aħna, għalhekk, nixtiequ nistednukom biex tingħaqdu magħna ħalli niffesteġġaw kif jixraq din it-tifkira li għandha titniżżel b'ittri tad-deheb fl-Istorja tal-Każin San Pawl u tal-Banda Konti Ruġġieru bħala waħda mill-isbaħ ġrajjiet tagħha.

Il Kumitat.

# STORJA FIL-KOSOR

## tal-Kasin San Pawl u l-Banda Konti Ruggieru

Fil-25 ta' Lulju, 1869, sbatax-il raġel, kollha mir-Rabat, marru għand in-Nutar G. M. Buhagiar biex jagħmlu kuntratt għall-ftuħ ta' Skola tal-Mużika, kif kienu jsejħulha dak iż-żmien. Il-ħsieb ewlieni tagħhom kien ta' rikreazzjoni u fl-istess waqt ta' tagħlim fl-arti tal-mużika, kif ukoll sabiex jiksbu frott fejjiedi min din ir-rikreazzjoni tagħhom u jkunu jistgħu jkabbru l-festa, li għadha sal-lum, ta' Corpus Domini u festi oħra li jsiru fil-Parroċċa.

Is-Soċjetà rat l-ewwel dawl tagħha f'kamra fi Triq il-Kulleġġ; wara żmien ittieħduet f'post ieħor fi Triq Bir il-Ljun u minn hemm imbagħad fi Triq Irjali fejn għadha sal-lum.

### *ĦAJJA MUŻIKALI*

Bħalma ġa għedna, wara li sar il-kuntratt li fih il-fundaturi, li kienu kollha bandisti u li ntrabtu fl-istess kuntratt li jħallsu 3s/4d. fix-xhar għas-salarju tas-Surmast, il-kera tal-kamra fi Triq il-Kulleġġ u spejjeż oħra, gie magħżul bħala Direttur tal-Banda s-Surmast Epifanio Agius.

Skond kif igħid. il-kuntratt, il-bandisti kienu dawn: —

| | |
|---|---|
| Ciangura Grazio | Zahra Luigi |
| Sapiano Giuseppe | Bonello Giuseppe |
| Busuttil Giovanni | Borg Salvatore |
| Busuttil Fracesco | Fenech Giovanni |
| Fsadni Felice | Dimech Pietro |
| Farrugia Paolo | Xuereb Francesco |
| Borg Giuseppe | Caruana Giacomo |
| Sammut Paolo | Formosa Giuseppe |
| Ebejer Carmelo | |

Is-Surmast għamel l-ewwel kunċert dak in-nhar stess li sar il-kuntratt.

Min-naħa tagħhom, il-bandisti għamlu kemm setgħu biex igħaddu 'l quddiem f'din l-iskola tal-mużika, u saru kunċerti ta' spiss biex ifittxu jaraw dik il-ġurnata li kellhom idoqqu fil-pubbliku. Min-naħa tas-Surmast Agius, huwa ħabrek kemm felaħ biex jara il-Banda, li kienet għadha kemm titwieled, tieħu r-ruħ, u għalhekk insibu li kien jikteb bċejjeċ ħfief li jkunu jistgħu jindaqqu mill-Banda. Ma għaddiex wisq żmien li l-Banda ma bdietx tidher fit-toroq tar-



Is-Surmast E. Agius

1869 - 1878



Is-Surmast F. Xuereb

1878 - 1902

Rabat. L-ewwel marċi li bdiet iddoqq u xi bċejjeċ oħra żgħar sagri kienet iddoqqhom fil-purċissjonijiet imsejħin tat-Triezi. L-ewwel programm sar fuq is-Saqqajja fl-istess sena. Minn dak in-nhar, il-Banda bdiet toħroġ barra ir-Rabat ukoll. Hija kienet mistiedna ħafna drabi f'Birkirkara, Haż-Żebbuġ u n-Naxxar. F'dak iż-żmien, programm kien jitħallas £1. 5s. is-servizz; u hawn naraw is-sagrifiċċju ta' l-ewwel bandisti li biex jiffrankaw l-ispejjeż tat-traġitt kienu jmorru u jiġu bil-mixi.

F'dan iż-żmien inħasset il-ħtieġa ta' post ikbar, u l-Banda minn Triq il-Kulleġġ marret fi Triq Bir il-Ljun bi ħlas ta' 40 skud fis-sena, flus li kienu jinġabru mill-programmi li kienet iddoqq.

Fis-sena 1878 tbiddel is-Surmast u sar floku is-Surmast Francesco Xuereb f'dan iż-żmien il-Banda bdiet tagħmel progress ġmielu: kunċerti l-Ħdud kollha mit-8 sal-11 ta' filgħodu u mis-2 sal-5 ta' wara nofs in-nhar. Ta' min isemmi wkoll illi dan ix-xogħol kollu s-Surmast kien jagħmlu bla ħlas. Fi żmien dan is-Surmast, il-Banda kellha okkażjoni ddoqq ta' sikwit fil-pubbliku billi f'dan iż-żmien kienet bdiet taħdem il-ferrovija u d-direttur tagħha ta kummissjoni lill-Banda biex iddoqq kull 15-il ġurnata bi ħlas ta' 10s/- kull darba fuq is-Saqqajja biex jiġbed in-nies għall-ferrovija.

Għall-festa ta' Corpus Domini ta' l-1881, il-bandisti żanżnu l-ewwel uniformi. Dak in-nhar ukoll is-sinjuri Francesco u Pascal dei Conti Manduca ippreżentaw lill-Banda l-ewwel żewġ stendardi: wieħed tal-Papa u li-ieħor ta' Malta.

Meta fl-1882 ġie hawn Malta l-Kardinal Lavigerie kellu jitla' r-Rabat. Għal din l-okkażjoni n-Nobbli Gius. De Piro, is-Sur Pawl Vassallo u Dun Andrea Mifsud ġew fil-Każin u stiednu lill-Banda biex tilqa' lill-Kardinal fuq is-Saqqajja. Il-Banda laqgħet l-istedina, daqqet bċejjeċ tal-mużika u għamlet dimostrazzjoni kbira lill-Kardinal mis-Saqqajja għall-Imdina, kollox bla ħlas ta' xejn. Insibu li minn dik l-okkażjoni l-Banda bdiet tidħol l-Imdina għall-festa tal-Madonna tal-Karmnu.

Billi sadattant il-Każin kien żgħir għan-numru kbir ta' nies li kienu daħlu bħala soċi, u billi d-dar fejn jinsab il-lum il-Każin, kien tbattal, is-soċi mill-ewwel tefgħu għajnejhom fuq din id-dar u għamlu kemm felħu biex jeħduha taħt idejhom; imma, ma nafux għaliex, Dun Ġużepp Manduca, f'isem il-familja tiegħu, sab ħafna diffikultajiet u dam ftit ma ikkuntenta biex jikri din id-dar bħala Każin. Wara sentejn talb bla ħedu, il-Każin irnexxielu fl-1886 imur f'dan il-post ġdid. Fost il-kondizzjonijiet li għamel Dun Ġużepp



Is-Surmast E. A. Agius

1902 = 1920



Is-Surmast G. Vitaliti

1920 = 1927

Manduca nsibu li l-kera kellu jkun £16 fis-sena u ta' dan ried garanti. Dawn kienu s-Sur Pawl Farrugia u s-Sur Carmelo Ebejer. Is-Soċi u l-bandisti ntrabtu li jħallsu 4s./2d. bħala dritt ta' dħul u 6d. fix-xahar, kif għadu jitħallas sal-lum.

Issa kien beda ż-żmien ta' formalità aktar. Fil-11 ta' Mejju, 1887, iltaqgħet l-ewwel seduta fid-dar il-ġdida u ġie magħżul dan l-ewwel Kumitat: President l-Avukat Agostino Naudi, Segretarju s-Sur Anġlu Borg Cardona, Kaxxier is-Sur Francesco Busuttil, Direttur tal-Banda s-Surmast Francesco Xuereb, Deputati s-Saċ. Dun Pubblio Borg, is-Sur Antonio Lafranco, is-Sur Carmelo Ebejer u s-Sur Paul Farrugia.

Billi fl-1893 il-President l-Avukat Agostinu Naudi ġie maħtur Imħallef u għalhekk ma satax jibqa' iżjed bħala President, laħaq floku l-Baruni Massimiliano Von Tucher Fi żmien dan il-President saru ħafna opri fil-Każin, u agħataw ħafna stendardi minn bosta ammiraturi. F'dan iż-żmien ukoll bdiet issir il-festa tal-Konti Ruġġieru u għal din il-ħabta żżanżnet l-uniformi tas-sajf u saret waħda ġdida tax-xitwa.

Fis-sena 1902, is-Surmast Xuereb, minħabba saħħtu u wara tant taħbit u sagrifiċċji, ħalla t-tmexxija tal-Banda f'idejn is-Surmast E. A. Agius.

Il-Gvernatur Leslie Rundle ħabb tassew lill-Banda u kien hu li stedinha bosta drabi biex iddoqq fil-Ġonna tal-Buskett. Sabiex juri l-għożża tiegħu lejn il-Banda, fil-festa tal-Konversjoni ta' San Pawl irregala lill-Banda bandalora bl-arma tiegħu fuqha, bandalora li għadha merfugħa b'għożża kbira fil-Każin.

Sakemm dam surmast is-Sur Antonio Agius, jiġifieri sas-sena 1920, il-Banda għamlet progress kbir u bdiet tiġri mal-Gżira f'ħafna ċirkostanzi.

Għall-ħabta ta' l-1914, il-Baruni Mass. Von Tucher ħalla minn President minħabba fil-gwerra u floku ngħażel il-Kontin Avukat Alfredo Caruana Gatto li dam sa mewtu fis-sena 1927. Floku laħaq il-Konti Edoardo Sant Fournier li għadu sal-lum.

Bil-għażla tas-Surmast Giuseppe Vitaliti l-Banda ħadet xejra moderna, daħlu fiha bandisti ġodda, u l-alljevi kienu ta' numru kbir. Ma kenitx issir festa f'raħal jew f'belt li ma kontx tisma' ddoqq lill-Banda Konti Ruġġieru tar-Rabat. Lanqas ma naqset li ddoqq il-Belt fil-Festa Nazzjonali tat-8



Is-Surmast G. Bellizzi

1927 - 1928



Is-Surmast V. Ciappara

1928

ta' Settembru, fil-Ġonna ta' Sant'Anton, u f'ħafna okkażjonijiet oħra.

Is-Surmast Vitaliti kien ħabrek kemm sata' biex il-Banda jkollha strumentatura ġdida, imma billi ż-żmenijiet ma kenux tajba dan ma satax isir fil-waqt. B'danakollu s-Surmast lesta lista bex issir strumentatura normali, imma hu ma laħaqx ra xewqtu sseħħ billi fl-1927 kellu jħalli t-tmexxija tal-Banda minħabba saħħtu.

Issa kienet biċċa tassew tal-ħsieb għall-Kumitat biex jingħażel surmast flok is-Surmast Vitaliti. Wara ħafna taħbil il-moħħ ġie magħżul is-Surmast Bellizzi, u dan ikkoltiva kemm sata' dak li s-surmastrijiet ta' qablu fost tant sagrifiċċji kienu bdew, imma fiż-żmien li fih dam dan is-Surmast il-Banda ma segħetx tagħmel progressi iżjed, u wara sena s-Surmast Bellizzi, minħabba x-xogħol personali tiegħu, ma satax jibqa' iżjed Direttur tal-Banda. Ġie magħżul, għalhekk, is-Surmast Vincenzo Ciappara li għadu sal-lum. F'dawn is-sittax-il sena li s-Surmast Ciappara ilu Direttur tal-Banda, huwa għamel kemm felaħ biex il-Banda tiġi 'l quddiem aktar l-opra li kien beda s-Surmast Vitaliti. Tant hu hekk illi f'dan iż-żmien il-Kumitat xtara strumentatura ġdida kif kien xtaq is-Surmast Vitaliti. Fuq stedina tas-Surmast Ciappara, din l-istrumentatura ġiet appruvata mis-Surmast Carlo Diacono, li kien ħabib kbir tal-Banda. L-ewwel programm li għamlet il-Banda bl-istrumentatura l-ġdida kien nhar il-Festa tal Konversjoni ta' San Pawl tas-sena 1931.

Is-Surmast Ciappara, bħala wieħed mill-kompożituri tajba ta' żmienna, ta dejjem lill-Banda xogħol ta' mużika sabiħa tassew u grandjuża kemm jista' jkun, mużika li kull meta ndaqqet kienet milqugħa dejjem b'entusjażmu kbir. Barra milli s-Surmast Ciappara għamel xogħlijiet ta' mużika profana, huwa ikkompona wkoll mużika sagra għall-Parroċċa f'diversi okkażjonijiet, imma l-kuruna a' dan ix-xogħol sa jkun il-Quddiesa ġdida li kiteb għall-okkażjoni ta' egħluq il-75 sena mit-twaqqif tal-Banda Konti Ruġġieru. Quddiesa li tkun esegwita nhar Pentekoste, it-28 ta' Mejju, 1944, bħala radd ta' ħajr 'l Alla tal-grazzi li qalgħet is-Soċjeta' minn kemm ilha wieqfa, u biex tintalab il-barka tas-Sema għaż-żmien li ġej.

### *ĦAJJA RELIĠJUŻA*

Mill-bidu nett ta' din is-Soċjetà, il-fundaturi, ta' nies twajba li kienu, dehrilhom illi barra mill-mogħdija taż-żmien kellhom jaħsbu fuq kollox għall-ħajja tar-ruħ ta' l-imsieħbin tagħhom. Tant hu hekk illi nsibu li l-ewwel mużika li bdew



Il-Kappella tal-Kazin
Dedikata lill-Madonna Bon Kunsill

idoqqu kienu marċijiet reliġjużi fil-purċissjonijiet tas-Sagrament, l-aktar f'dawk tat-Triezi.

Meta fl-1886 il-banda marret fi Triq Irjali, billi f'din id-dar qabel kien joqgħod qassis, sabu kappella tal-Madonna tal-Bon Kunsill bi kwadru mhux ta' preġju, imma sabiħ u devot. Il-Kappella għadha sal-lum, u minn dejjem inżammet b'għożża kbira mis-soċi kollha tas-Soċjetà. Jista' jkun hemm min jistaqsi għaliex il-Kappella hi iddedikata lill-Madonna meta s-Soċjetà hi msemmija għal San Pawl. It-tweġiab għal din hi li misserijietna kienu jafu u jemmnu fil-kobor ta' Marija Santissima, u b'xhieda ta' dan riedu li minn dak innhar li daħlu f'din id-dar, ix-xogħol kollu, it-tagħlim kollu u l-mogħdija taż-żmien kollha jitqiegħdu taħt il-ħarsien ta' Ommna fis-Sema. Il-Kappella hi miżmuma tajjeb u l-kumitati ta' kull żmien ħasbu dejjem biex iżommuha f'post serju u ta' ġieħ, u ma naqsux biex ħabirku ħalli jżejnuha mill-aħjar. Nifirħu ngħidu illi bit-tħabrik tas-Sur G. B. Portelli ġiet iddekorata mis-Sur P. Galea, fil-waqt li l-kawdru ġie mogħni bi gwarniċ ċiżill flimkien ma' dak tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù, xogħol tas-Sur C. Vassallo. Drawwa l-aktar antika li għandha s-Soċjetà huwa r-Rużarju li għadu jingħad sal-lum quddiem ix-Xbieha tal-Madonna.

Fil-Kappella tas-Soċjetà tinsab ukoll relikwa ta' San Pawl u statwa ta' l-Appostlu Missierna maħduma mill-Prof. G. Galea u sgraffita b'sengħa kbira mill-indoratur is-Sur G. Farrugia.

Minn xi snin 'l hawn, is-soċi jiltaqgħu kull sena fil-Knisja ta' Santu Wistin—fejn hi meqjuma l-Madonna tal-Bon Kunsill—u hemmhekk jitqarbnu flimkien f'riġlejn il-Madonna.

Fis-sena 1939 is-Soċjetà kienet ikkonsagrata lill-Qalb ta' Ġesù.

Haġa ta' min igħidha hija illi f'waħda mil-laqgħat antiki tal-Kumitat insabet deċiżjoni biex il-Każin jagħmel tużżana fanali tal-Vjatku billi kienet drawwa — u drawwa sabiħa—li meta jdoqq Vjatku s-soċi kollha ta' ġol-Każin kienu jmorru jakkompanjaw il-Vjatku, u ħasbu għalhekk biex jinħadmu dawn il-fanali.

Lanqas ma saqset is-Soċjetà milli tiftakar fl-erwieħ tas-soċi tagħha, l-aktar fix-xahar ta' Novembru.

Il-ħeġġa għall-festa ta' Corpus Domini u għal dik ta' San Pawl kienet dejjem mill-akbar biex dawn il-festi jirnexxu kif jixraq lis-Sagrament Imqaddes u lill-Appostlu Missierna,

Barra minn dan, il-Każin huwa mogħni bil-barka u

l-firma ta' diversi Papiet, flimkien ma' dawk ta' l-Isqfijiet ta' Malta.

***ĦAJJA SOĊJALI***

Is-Soċjetà ħasbet dejjem biex tinkoraġġixxi u' tħabrek ħalli l-banda tkun mill-aħjar, u riedet ukoll sabiex is-soċi jsibu fil-Każin mogħdija taż-żmien li tkun onesta. Il-Kumitat, għalhekk, ħa l-ħsieb li jiftaħ il-bitħa bħala post li fih ikunu jistgħu jsiru trattenimenti għas-soċi u l-familji tagħhom, għammar il-Każin b'billiard u diversi logħob ieħor, għamel bosta divertiti għas-soċi, u ma naqasx li jaħseb sabiex tingħata għajnuna lis-soċi fil-bżonn meta waqqaf is-soċjetà tal-Mutuo Soccorso.

Fis-seduta ta' l-1 ta' Ottubru, 1916, insibu mniżżel illi bandist kien waqa' fil-bżonn u talab lill-Kumitat biex igħinu bil-flus ħalli jkun jista' jħallas il-kera, imma billi l-kumitat ma setax joħroġ flus mill-kaxxa biex igħin lis-soċi f'ċirkostanzi bħal dawn, il-Kumitat qata' li ma jagħtix flus mill-kaxxa tas-Soċjetà. In-nies tal-Kumitat, madankollu, ġabru l-flus bejniethom u b'hekk il-bandist kien megħjun xorta waħda.

Dan il-ħsieb baqa' jberren f'ras xi wħud mis-soċi u l-aktar f'moħħ il-Konti Dr. Caruana Gatto li f'dak iż-żmien kien President. Bir-rieda tajba ta' dawn in-nies ħabrieka, u għalkemm kien hemm min ħaseb li hi biċċa xogħol iebsa wisq biex tidħol għaliha s-Soċjetà, twaqqfet is-soċjeta, hekk magħrufa tal-"Mutuo Soccorso" bejn is-soċi u l-bandisti tal-Każin San Pawl. Dan sar fil-laqgħa ġenerali tal-11 ta' Frar, 1917, meta l-Avukat F. Wirth, il-lum Maġistrat, fisser lis-soċi l-ħsieb li kellu l-Konti Caruana Gatto. Il-proposta ta' Dr. Wirth intlaqgħet tajjeb minn kulħadd fost iċ-ċapċip ta' kull min kien hemm għal-laqgħa, fosthom, biex insemmu xi ftit mill-preżenti, kien hemm il-President Nutar Kontin Alfredo Caruana Gatto, B.A., LL.D., l-Avukat C. Galea Naudi, LL.D., Viċi-President, is-Sur Alessandro Micallef, Asst. Segretarju, is-Sur Salv. Calleja, il-Perit Carmelo Micallef, is-Sur Aurelio Camilleri, is-Surmast E. A. Agius, il-Kappillan Sammut, ir-Rev. Giov. Cortis, Viċi Parroku, ir-Rev. Gius. Formosa Kerr, il-Kan. Koll. Michele Cauchi, ir-Rev. Gius. Bonello, l-Avukat F. Wirth, l-Avukat Serafin Vella, l-Avukat Gius. Degiorgio, in-Nutar Francesco Catania, in-Neg. Francesco Pace Asciak, is-Surmast F. Xuereb.

F'din il-laqgħa ġew magħżula: —

Segretarju: l-Avukat F. Wirth;
Kaxxier: in-Neg. F. Pace Asciak;
Tabib tas-Soċjetà: Dr. Felice Formosa.

L-iskop ta' din is-Soċjetà huwa illi s-soċi u l-bandisti jgħinu lil xulxin b'talb u bi flus meta xi ħadd minnhom li jkun miktub fis-soċjetà jkun jeħtieġ dan. L-Istatut sar minnufih mill-President imsemmi u minn żmien għal żmien kien imbiddel skond il-bżonnijiet minn kummissjoni maħtura mill-istess soċjetà.

Is-soċjeta' tal-Mutuo Soccorso taħseb li tibgħat it-tabib għand kull soċju marid, li tagħtih sussidju għal dak iż-żmien kif hemm maħsub fir-Regolamenti u li f'mewtu tagħti somma ċkejkna lill-familja u taħseb biex tagħmillu suffraġji.

Nistgħu ngħidu bil-pjaċir kollu li s-soċjetà tagħna biss, fost il-baned kollha, għandha fiha s-soċjetà tal-Mutuo Soccorso, u għandna għalfejn nittamaw li din l-inizjativa tissokta titħeġġeġ fost l-imseħbin kollha tal-Każin sabiex il quddiem tkun tista' tibqa' tagħti dik il-għajnuna meħtieġa lil kull min ikun imsieħeb fiha.

### *RIKONOXXENZI LEJN IL-BANDA*

Huma ħafna t-tifkiriet li jinsabu fil-Każin, tifkiriet mogħtijin minn bosta ammiraturi f'dawn il-75 sena ta' ħajja. Nistgħu ngħidu li kull sena kinet tidħol fil-Każin xi ħaġa ġdida, xhieda ta' l-imħabba u tal-għożża li bihom hi miż-muma l-Banda tagħna minn kulħadd. In-numru sabiħ ta' stendardi—fosthom żewġ bandalori: waħda irregalata mill-Gvernatur Leslie Rundle, ul-oħra bi storja kurjuża u li ġiet irregalata mill-Bandist Pawlu Debattista—juru tassew kemm il-Banda Konti Ruġġieru kienet stamata minn dejjem. Il-vetrina mimlija tazzi u rigali oħra tal-fidda, l-arkivju tal-Banda, xogħol tal-mejjet Bandist Giuseppe Borg, fuq id-disinn tas-Soċju Carmelo Vassallo u li għalih ħabrek kemm felaħ biex ġie mimli b'ħafna mużika l-mibki Dun Robert Calleja, il-kwadri tas-Surmastrijiet Maltin fis-sala, xogħol tal-Pittur G. Duca, fosthom dak tas-surmast Diacono li ġie ir-regalat is-sena l-oħra mill-Kumpannija tas-Sagrament, u l-kwadru ta' San Pawl fuq il-pittura ta' Fra Bartolomeo, irregalat mill-Kumpannija ta' San Pawl, iżidu mas-sensiela ta' tifkiriet sbieħ li hemm fil-Każin. Imma fuq ir-rigali kollha li jinsabu fil-Każin hemm il-kwadru tal-Konti Ruġ-ġieru, xogħol il-pittur Giuseppe Cali' u irregalat minnu lis-Soċjetà.

### *WARA 75 SENA*

Wara 75 sena ta' storja glorjuża fl-Arti Mużikali u ta' ħidma soċjali u reliġjuża, il-lum sejrin ninġabru lkoll flim-



L-ARKIVJU TAL-BANDA

LI JINSAB FIL-KAZIN

# SAN PAWL, IL-KONTI RUGGIERU U R-RABAT.

TAL-KAV. DR. GUZE GALEA

*B'tifkira ta' missieri, Lwiġi Galea, li twieled u trabba r-Rabat.*

*San Pawl, il-Konti Ruġġieru, ir-Rabat*: tliet ismijiet imsenslin flimkien f'rabta ħelwa ta' barka u sliem li ma tinħall qatt. San Pawl għamilna Nsara u fetħilna għajnejna għad-dawl tas-sewwa; il-Konti Ruġġieru tdiena milll-jasar u tana l-bandiera Maltija; ir-Rabat fejn San Pawl u l-Konti Ruġġieru baqgħu sakemm damu f'Malta u fejn wettqu l-ħidma fejjieda tagħhom. B'riħet San Pawl Malta kellha l-ġieh li tissemma fil-Kotba Mqaddsa, fil-waqt li l-miġja ta' San Pawl u dik tal-Konti Ruġġieru huma miktubin b'ittri taddeheb fl-istorja ta' Malta.

Aħna l-Maltin inħossu ġibda ta' qima lejn San Pawl imnissla tas-sew minn qalbna; lilu nagħarfu bħala Missier tagħna, lejh nirrikorru fil-hemm u fid-dwejjaq tagħna u nirrikorru lejh bil-ħrara ta' qalbna kollha għax nafu, għax nifhmu, għax inħossu li hu dejjem jaqbeż għalina f'kull ma jkollna bżonn. *"San Pawl Missierna"*: din il-għajta toħroġ qisha weħidha minn fomm il-Maltin f'kull tiġrib li jsibu ruħhom fih.

Il-Konti Ruġġieru, dak il-gwerrier qawwi, sejf u tarka tar-Reliġjon tagħna, ħarbat lis-Saraċini kull fejn u kull meta ħabat għalihom. Dak in-Normann qalbieni, fl-Italja ta' isfel u fi Sqallija, għadda minn rebħa għal oħra, kines lill-egħdewwa tal-Knisja u ħalla warajh paċi u sliem fost l-Insara; imma l-qofol tar-rebħiet tiegħu twettaq f'din il-Gżira tagħna. Hawn mhux biss ħarbat lis-Seraċini, imma rebaħ ukoll il-qlub tal-Maltin u ġibidhom



**Il-Konti Ruggieru**

li ghalih hi msemmija l-Banda.

lejh f'ġibda ta' għożża li ma tintemm qatt. Il-Konti Ruġġieru fdiena mill-madmad, ħeles ir-Reliġjon tagħna minn kull xkiel, ġedded il-Knisja u għanieha b'kull riżq, u lilna għoddna bħala wliedu, u, biex aktar jurina l-ħrara ta' qalbu ħallielna l-bandiera tagħna, il-bajda u ħamra, misluta mill-ilwien ta' Hauteville, dak in-nisel magħruf u mfaħħar minn kulħadd. B'hekk il-Konti Ruġġieru ssokta l-opra ta' San Pawl, għax fil-waqt li dan l-Appostlu tana r-Reliġjon, dak il-Gwerrier għenna biex inżommuha u nseddquha.

L-istorja ta' Malta tixhed is-sehem li kellhom San Pawl u l-Konti Ruġġieru fl-iżvilupp tal-ħajja soċjali tagħna: ġrajja mill-isbaħ twettqu bis-saħħa ta' Ruġġieru n-Normann u fattijiet tal-għaġeb saru bis-setgħa ta' Pawlu ta' Tarsu. Dawn iż-żewġ persunaġġi jseddqu l-medjuevu fl-istorja ta' Malta; ix-xejra ħielsa tal-Gvern Malti, is-setgħa tal-Kunsill Popolari, il-qawwa ta' l-Awtoritajiet Ċivili u Ekklesjastiċi jagħarfu l-bidu tagħhom mill-miġja tal-Konti Ruġġieru f'din il-Gżira, fil-waqt li l-għajnuna ta' San Pawl kienet bla qies u tassew tal-għaġeb fi żmien it-Torok u s-Saraċini: fl-eħrex taqbid, fl-aqwa tiġrib u fl-ikrah flaġelli, il-protezzjoni ta' San Pawl qatt ma naqsitna. Dan il-Missier tagħna ħanin mhux biss talab għalina u ħarisna minn kull hemm, imma saħansitra deher fis-sema ma' San Ġorġ u Sant'Agata, il-protetturi l-oħra tagħna, biex iħeġġiġna u jimlielna qalbna bin-nar tar-rebħa.

Il-Maltin iqisu lil San Pawl bħala Missier tagħhom u lil Konti Ruġġieru bħala Kap tagħhom. Minn żmenijiet l-aktar qodma niesna ħabirku biex jagħtu qima u ġieh kif jistħoqqilhom lil dawn iż-żewġ protetturi; il-memorja tagħhom baqgħet tintiret b'għożża kbira minn missier għal iben u

isimhom imfakkar b'foħrija fi tradizzjonijiet, stejjer u ġrajja ta' pajjiżna.

Il-Maltin bnew tempji u knejjes f'ġieh San Pawl, waqqfu statwi tiegħu u għamlu xbihat ta' San Pawl u tal-Konti Ruġġieru, imma l-aqwa tifkiriet ta' dawn iż-żewġ persunaġġi jinsabu fir-Rabat; dan il-post nistgħu nsejħulu l-Belt ta' San Pawl u tal-Konti Ruġġieru.

Knisja mill-isbaħ, Santwarju għażiż, Seminarju għall-Missjunarji, statwa ta' ġmiel jixhdu l-qima lejn San Pawl fir-Rabat, fejn ukoll każin mill-aqwa u banda mill-iżjed imfaħħra jfakkru l-Konti Ruġġieru; barra dan toroq u msieraħ huma msemmijin għal dawn iż-żewġ protetturi, fil-waqt li f'dik il-belt ma ssibx dar jew familja bla isem jew xbieha ta' San Pawl u tal-Konti Ruġġieru.

Imma l-aqwa ġibda lejn San Pawl u l-Konti Ruġġieru, ir-Rabtin iħossuha f'qalbhom, din tinsab mixgħula bin-nar ta' l-imħabba li, imħeġġa mill-ħrara u mseddqa mis-sliem, ma jintefa qatt u qatt.

## FESTI PRINCIPALI TAL-KAZIN.

1. Il-Festa tal-Konversjoni ta' San Pawl—25 ta' Jannar.
2. Il-Festa tal-Madonna tal-Bon Kunsill, Titular tal-Kappella u Protettriċi speċjali tal-Każin—l-aħħar Ħadd ta' Mejju.
3. Il-Festa ta' Corpus Domini. Il-Festa prinċipali tal-Parroċċa.
4. Il-kommemorazzjoni tal-Martirju ta' San Pawl. Festa Titulari u Parrokkjali. Patrun speċjali tal-Każin—30 ta' Ġunju.
5. Il-Festa Nazzjonali—8 ta' Settembru.
6. Tifkira ta' l-Erwieħ is-Soċi mejtin — f'Novembru.

# IL-KUMITAT TAL-LUM

*President*: Il-Wisq Nobbli l-Konti Ed. Sant Fournier.

*Viċi-President*: Is-Sur Luigi Ebejer.

*Segretarju*: Is-Sur Antonio Spiteri.

*Asst. Segretarju*: Is-Sur Biagio Galea.

*Kaxxier*: Is-Sur Publio Farrugia.

*Asst. Kaxxier*: Is-Sur Emanuele Micallef.

**_Deputati_**

Is-Sur Pietro Paolo Borg
Is-Sur Ant. Agius
Is-Sur Paolino Ciangura
Is-Sur Luigi Ciangura
Is-Sur Bernardo Farrugia
Is-Sur Carmelo Vassallo
Is-Sur Paolino Bugeja
Is-Sur GioBatta Portelli
Is-Sur Naz. Farrugia
Is-Sur Carmelo Tabone
Is-Sur Tommaso Tonna

**_Kuratur_**

Is-Sur Giuseppe Busuttil.

**_Deputati tal-Banda_**

Is-Sur Pietru Scerri, is-Sur Carmelo Debono, is-Sur Carmelo Farrugia (Arkivista).

**_Reviżuri_**

Is-Sur Nazzareno Gauci, is-Sur Giovanni Spiteri.

**_Uffiċjali tas-Soċjeta' Mutuo Soccorso_**

*Segretarju*: Is-Sur Giuseppe Spiteri.

*Kaxxier*: Is-Sur Antonio Farrugia.



Il-Kumitat tal-lum

# PROGRAMM

*li l-Banda* KONTI RUGGIERU *sejra ddoqq fuq is-Saqqajja nhar il-Hadd, 28 ta' Mejju, 1944.*

**Innu Konti Ruggieru**

**Innu tal-Papa**

1. *Overture Solennelle* **1812** *Tschaikowsky*

2. *Att III* **Aida** *G. Verdi*

3. *a)* **Nabucco** *G. Verdi*
   *Coro di Schiavi Ebrei (Va pensiero sull'alidorate)*
   *b)* **Iris** *P. Mascagni*
   *Introduzione Il Sole*
   (3a–3b: *Banda u Kori*)

4. *Fantasia* **Turandot** *G. Puccini*

5. *Fantasia* **Francesca da Rimini** *R. Zandonai*

**Innu Malti**

**God Save the King**

V. Ciappara.

Direttur.



Din' il-bandalora giet irregalata
mill-bandista Pawlu Debattista



Din il-Bandalora giet irregalata
mill-Gvernatur Leslie Rundle
fil-25 ta' Jannar, 1914

kien, soċi u bandisti, biex nifirħu u niżżu ħajr 'l Alla ta' kemm għoġbu jgħinna biex bqajna fuq riġlejna u qawwijin mill-iżjed. Għandna tassew għalfejn nifirħu għaliex l-istorja tas-Soċjetà tagħna hija l-istorja ta' misserijietna, li bdew u ħabbew bil-fatti lis-Soċjetà, u lill-Banda li huma l-mimmi ta' għajnejna. Nifirħu u niżżu ħajr 'l Alla għax f'dan l-anniversarju aħna bqajna u għadna nżommu l-ideal ta' missierijietna, u fuq kollox ix-xewqa tagħhom li jaraw il-bini tas-Soċjetà proprjeta tagħha. Il-lum nieħdu pjaċir ingħidu illi xewqithom twettqet għaliex wara ħafna taħbit u sagrifiċċji mhux żgħar min-naħa tal-Kumitat, fit-23 ta' Jannar, 1944, quddim in-Nutar Fco. Catania, Membru ewlieni tal-Każin, sar il-Kuntratt tax-xiri tad-dar. U biex ma tintesiex din id-data, il-Kumitat ried iqiegħed lapida fl-aktar post prominenti biex tfakkar il-75 sena mit-twaqqif tas-Soċjetà u meta l-Każin sar proprjeta tas-Soċjetà.

# LISTA TAS-SURMASTRIJET

## 1869 - 1944

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Is-Surmast Epifanio Agius | 1869—1878. |
| 2. | Is-Surmast Francesco Xuereb | 1878—1902. |
| 3. | Is-Surmast Ant. E. Agius. | 1902—1920. |
| 4. | Is-Surmast Giuseppe Vitaliti | 1920—1927. |
| 5. | Is-Surmast Francesco Bellizzi | 1927—1928. |
| 6. | Is-Surmast V. Ciappara | 1928. |

# 1869 - 1944

**Programm Ġenerali tal-Festi li sejjrin isiru mill Każin San Pawl u il Banda Konti Ruġġieru tar-Rabat fl'għeluq il 75 sena mit-twakkif tagħhom 25—28 ta' Mejju, 1944.**

*Il-Ħamis, il-25 ta' Mejju.* Fil-5.30 ta' fil-għaxija Akkademja Muziko-Letterarja fil-Każin, taħt il-Presidenza ta' l-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur Marixxal tal-Kamp Lord Gort, *V.C.*, u l-Eċċelenza Tiegħu Reverendissima Mons. Arċisqof Michele Gonzi.

*Il-Ġimgħa, is-26 ta' Mejju.* Fis-6 ta' fil-għodu Quddiesa kantata Solenni bil-Mużika għall-erwieħ tas-Soċi u l-Bandisti li mietu ma' tul il-75 sena li ilha mwaqqfa l-Banda, mill-Wisq Rev. Kappillan Ant. Buhagiar.

*Is-Sibt is-27 ta' Mejju.* Fis-7.30 ta fil-għaxija marċ mill Knisja ta' San Pawl għal Każin, laqgħa tal-Bandisti, ex-Bandisti u Alljevi taħt il presidenza tal President il Konti Ed. Sant Fournier. Diskors mill W. R. Sac. Salv. Laspina.

*Il-Ħadd, it-28 ta' Mejju, Jum il-Festa.* Fis-6.30 ta' fil-għodu Quddiesa bi tqarbina ġenerali għas-Soċi mill Can. Coll. F. Catania. Konsagrazzjoni tal-Każin lill-Qalb ta' Marija.

Fit-8.30 ta' fil-għodu fil-Knisja tal-Parroċċa Kant tat-Terza, Quddiesa Pontifikali ta' ringrazzjament mill-Eċċellenza Tiegħu Reverendissima Mons. Emm. Galea, Isqof ta' Tralles, Vigarju Ġenerali. Wara l-Evanġelju, diskors taċ-ċirkostanza mill-istess Isqof. *Te Deum* u Antifona ta' San Pawl.

Wara l-quddiesa tiġi mikxufa lapida fil-Każin ta' Tifkira mill-istess Isqof Galea. Diskors mis-Segretarju s-Sur Antonio Spiteri.

Mis-6 ta' wara nofs in-nhar il quddiem il-Banda Konti Ruġġieru ddoqq programm fuq is-Saqqajja, taħt id-direzzjoni tas-Surmast V. Ciappara.

N.B.—Il-mużika ta' l-Akkademja u tal-Quddiesa Pontifikali tkun immexxija mis-Surmast V. Ciappara; dik tal-quddiesa tal-mejtin mis-Surmast F. Diacono. Il-kant ma' tul il-quddiesa tal-Comunjoni tkun m ill-Ischola Cantorum ta' l-Azzjoni Kattolika tar-Rabat.

Għal din iċ-ċirkostanza, is-Surmast V. Ciappara kiteb quddiesa ġdida.

# IL FUNDATURI

| | |
|---|---|
| Ciangura Grazio | Zahra Luigi |
| Sapiano Giuseppe | Bonello Giuseppe |
| Busuttil Giovanni | Borg Salvatore |
| Busuttil Francesco | Fenech Giovanni |
| Fsadni Felice | Dimech Pietro |
| Farrugia Paolo | Xuereb Francesco |
| Borg Giuseppe | Caruana Giacomo |
| Sammut Paolo | Formosa Giuseppe |
| Ebejer Carmelo | |

L-EWWEL PROGRAMM LI DAQQET IL-BANDA

## KONTI RUGGIERU

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | *Cavatina* | Nabucco | *Verdi* |
| 2. | *Scena ed Aria* | Marco Visconte | *Petrella* |
| 3. | *Sinfonia* | Domici, Carifici | *Mercadante* |
| 4. | *Quadrilla* | Malta | *T. Galea* |
| 5. | *Walzes* | Queen of the Harvest | *Boote* |
| 6. | *Schottish* | Bertha | |
| 7. | *Polka Mazurka* | La Campagnola | *Agius* |

God Save the Queen

EPIFANIU AGIUS

Direttur.

# AKKADEMJA

*li sejra ssir*

NHAR IL-HAMIS, 25 TA' MEJJU, 1944 FIL-5.30 p.m.

TAHT IL-PRESIDENZA TA'

L-Ecc. Tiegħu l-Gvernatur, Marixxal tal-Kamp Lord Gort, V.C, u ta' l-Ecc. Tiegħu Revma. Mons. Arċisqof M. Gonzi, D.D.

## Programm

*1.* **Pomp & Circumstance** *Edw. Elgar*

*2.* *Indirizz* *In-Nobbli Konti Edw. Sant Fournier*

*3.* *Sinfonia* **I Vespri Siciliani** *G. Verdi*

*4.* *Diskors* *The Development of Musical art in Malta*
E. B. Vella, *Inspector of Schools*

*5.* *Aria (Il Balen del suo sorriso)* **Il Trovatore** *G. Verdi*
Baritonu P. Xerri

*6.* *Pregària* *F. M. Alvarez*
Tenur C. Lowell

*7.* **Saltarello** *Cello & Orchestra* ***D.*** *Van Goems op. 35*
Celloist O. Vella L.R.C.M.

*8.* *Intermezz* **Flowers** *V. Ciappara*

*9.* *Suite* **From the Ballet Music Hiawatha**
I **The Wooing** IV **Departure**
V **Reunion** *S. Coleridge Taylor*

*10.* *Diskors* *Wara 75 sena* *Is-Sur V. Apap*

*11.* *Mystica (1921)* *P. Nani*
Tenur C. Lowell

*12.* **Pagliacci** *(Prologu)* *Leoncavallo*
Baritonu P. Xerri

*13.* *Overture* **Knights of Malta** *A. Nani*

**Innu Malti**

**God Save The King**

# ISMIJIET TAL-BANDISTI TAL-LUM

Direttur tal-Banda VINCENZO CIAPPARA

Agius Carmel
Aquilina Joseph
Aquilina Lewis
Azzopardi G. Batta
Azzopardi Paul
Azzopardi Philip
Azzopardi Roger
Azzopardi Santu
Borg Paul
Bugeja John
Bugeja Noè
Bugeja Paul
Cachia Anthony
Camilleri Anthony
Camilleri Alfonso
Camilleri Johnnie
Catania Bertu
Cefai Mifsud Joseph
Chetcuti Paul
Chetcuti Vincent
Ciangura Lewis
Ciangura Paul
Cilia Carmel
Cortis Paul
Cutajar John
Debattista Grazio
Debattista Paul
Debono Carmel
Debono Paul
Demanuele Salv.
Ebejer Anthony
Ellul Joseph
Farrugia Anthony
Farrugia Anthony
Farrugia Carmel
Farrugia Salvu
Fenech Carmel
Fenech Salvu
Galea Calcidon
Galea John
Galea Lewis
Galea Paul
Galea Thomas
Gauci Carmel
Muscat Vincent
Mifsud Joseph
Portelli Salvu
Sammut George
Sammut Paul
Sammut P. Paul
Schembri Paul
Tonna Paul
Tonna Paul
Tonna Oreste
Vassallo Joseph
Xerri Gaetano
Xerri P. Paul
Xicluna Carlo
Zammit John
Zammit Johnnie
Zammit Joseph



Il-Banda kif tinsab formata llum

# ĦAMSA U SEBGĦIN SENA

*B'qima kbira lill-W.R. Kappillan*
*Dun Ant. Buhagiar.*

Mas-sebħ ix-xemx tkun tidher wisq sabiħa
Tittawwal minn fuq xefaq kollu ħmura,
Isbaħ bil-wisq imbagħ'd meta tkun sħiħa
Qed tifrex dawlha fuq il-ward u l-ħdura.

Hekk għamlet sa mill-bidu biex rebbieħa
Ix-Xirka tagħna sefgħet fuq l-għajjura:
Il fuq fejn żammet dejjem mgħolli ġieħha
Imxiet ferħana bih, bla qatt pass lura.

Din hija l-fehma l-lum tar-Rabtin kollha:
Li jgħaddu s-snin il-kbar bil-mija l-mija
U x-Xirka tibqa' hemm fejn Alla għolla.

Hi ma tinżelx bħax-xemx jekk fl-egħmil tagħha
Ta' Pawlu u ta' Ruġġieru żżomm qawwija
Il-Fidi, l-Għerf u l-Ġieħ marbutin magħha.

VIC. APAP.



Ritratt antik tal-Banda

# INNU
# TAL-BANDA KONTI RUGGIERU

*Mużika tas-Surmast GIUSEPPE VITALITI*

*Versi tas-Sur CALC. SAMMUT.*

Ifraħ ja Malta
Wasal sa fl-aħħar.
Jum il-Vittorja
Jum il-ħelsien.

Dan kien l-għajat ferrieħi
Ta' l-antenati tagħna
Met'Int o Kbir Ruġġieru
Gejt hawn biex issalvana
U biex turina mħabbtek
Il-lwien abjad u aħmar
Għall-Gżira tagħna ħtart

Aħna li nħobbu l-banda
Li b'ismek hija mżejna
Dan ir-rigal hekk sbejjaħ
B'imħabba kbira għożżejna
Flimkien mal-Fidi Mqaddsa
Li Pawlu l-Missier tagħna
Meta mibgħut mis-Sema
Żergħelna f'dina l-art.